

## Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2011) 155 def, tat-12 ta' Jannar 2011, li tordna l-irkupru tal-ammont ta' EUR 141 350 allokat li rikorrenti bħala finanzjament ta' proġett bl-isem "Train in the trainer".

## Dispożittiv

- 1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talba għal miżuri provviżorji.
- 2) Ir-rikorrenti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

## **Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tas-16 ta' Diċembru 2011 — Rintisch vs UASI — Bariatrix Europe (PROTI SNACK)**

**(Kawża T-62/09)**

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali PROTI SNACK — Trade marks nazżjonali verbali u figurattivi preċedenti PROTIPLUS, PROTI u PROTIPOWER — Produzzjoni tardiva ta' dokumenti — Setgħa diskrezzjonali mogħtija mill-Artikolu 74(2) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 76(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009] — Kunċett ta' 'sakemm ma jkunx provdut xorta oħra' — Regola 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95 — Regola 50(1) tar-Regolament Nru 2868/95”

*Trade mark Komunitarja — Proċedura għat-tressiq ta' kawża — Appell mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-Uffiċċju — Eżami mill-Bord tal-Appell — Portata — Fatti u provi mhux ippreżentati insostenn tal-oppożizzjoni fit-terminu impost għal dan il-għan — Teħid inkunsiderazzjoni — Setgħa diskrezzjonali tal-Bord tal-Appell (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 74(2); Regolament tal-Kummissjoni Nru 2868/95, Artikoli 20(1) u 50(1)) (ara l-punti 30-32, 36-41)*

## **Suġġett**

Rikors għal annullament ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-15 ta' Diċembru 2008 (Każ R 740/2008-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Bernhard Rintisch u Bariatric Europe Inc. SAS.

## **Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Bernhard Rintisch huwa kkundannat għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tas-16 ta' Diċembru 2011 — Rintisch vs UASI — Valfleuri Pâtes alimentaires (PROTIVITAL)**

**(Kawża T-109/09)**

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali PROTIVITAL — Trade marks nazzjonali verbali u figurattivi preċedenti PROTIPLUS, PROTI u PROTIPOWER — Produzzjoni tardiva ta' dokumenti — Setgħa diskrezzjonali mogħtija mill-Artikolu 74(2) tar-Regolament